# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru 5/2017**

**Public Broadcasting Services Limited**

Vs

**Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data**

Sentenza 12 ta' Lulju 2018

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra l-appell tas-soċjetà Public Broadcasting Services Limited li permezz tiegħu qed tappella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju li permezz tagħha laqgħa limitatament it-talbiet ta' Ivan Camilleri għan-nom tal-ġurnal Times of Malta billi ordna lis-soċjetà appellant tagħti aċċess għal kuntratti tal-impjieg tas-Sur John Bundy u s-Sur Anton Attard iżda mhux li tagħti raġuni li waslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tas-Sur Anton Attard.

Illi s-soċjetà appellanti qed tibbaża l-appell tagħha fuq (a) li l-Public Broadcasting Services Limited hija soċjetà kummerċjanti reġistrati mar-Reġistratur tal-Kumpaniji bin-numru ta' reġistrazzjoni C-13140 u l-azzjonista maġġoritarju huwa l-Gvern ta' Malta u għalhekk japplika l-artikolu 5(1)(f) tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta li jgħid li l-Kap 496 ma japplikax għal dokumenti li huma miżmumin minn soċjetà kummerċjali li fiha l-Gvern jew xi awtorità pubblika ohra għandhom interess li jagħtihom kontroll, safejn id-dokumenti in kwistjoni għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet kummerċjali tas-soċjetà kummerċjali; (b) tali dokumenti huwa eżentat ai termini tal-artikolu 31(2) tal-Kap 496 al-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jagħti lok għal azzjoni minn persuna (minbarra awtorità pubblika) għal ksur ta' konfidenzjalita; (c) tali dokument huwa eżentat ukoll ai termini tal-artikolu 32(1)(c) tal-Kap 496 stante li l-iżvelar tagħha jolqot ħażin jew raġonevolment ikun mistenni li jolqot ħażin b'mod mhux raġonevoli lil lil dik l-persuna fir-rigward tan-negozju jew affarijiet professjonali leġittimi tagħha. U (d) nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata.

Fir-risposta tiegħu l-Kummissarju appellat spjega li Ivan Camilleri għan-nom tal-ġurnal lokali Times of Malta talab sabiex jinvestiga deċiżjoni tal-Public Broadcasting Services Limited li rrifjutat t-talba tiegħu għal (a) copy of all engagement contracts entered into between Mr Anton Attard as CEO and PBS; (b) copy of all engagement contracts entered into between Mr John Bundy as CEO and PBS Ltd; (c) what is the current position of Mr Attard vis a vis the Ministry/PBS?; has the contract with Mr Attard been terminated? If so give reason? Is Mr Attard still being paid from PBS/Gov according to his contract. What is the full financial pkg he is receiving and till when it will be going on (data)?.

Illi permezz tad-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017 l-Kummissarju laqa t-talba tat-Times of Malta u ordna lil PBS tagħti l-informazzjoni mitluba purche li ma jiġux żvelati r-raġunijiet li waslu għat-terminazzjoni jekk dan kien il-każ tal-impjieg ta' Attard. Dwar l-aggravji l-Kummissarju jissottometti li l-artikolu 5(1)(f) tal-Kap 496 ma japplikax għal pagi iżda għal attivitajiet kummerċjali; li lanqas ma japplika 31(2) tal-istess att stante li l-kuntratti ma għandhom ebda klawsola li tistipola kunfidenzjalita u anke kieku stess tali kuntratt huwa suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Att; li l-Kummissarju huwa fid-dover ai termini tal-artikolu 23(3) tal-Att li jibgħat notifika tad-deċiżjoni tiegħu lill-applikant u lill-awtorità pubblika.

Ra l-affidavit ta' Anton Attard preżentat fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2018 li permezz tiegħu xehed li fl-ebda ħin ma ta l-kunsens tiegħu biex l-kuntratt tal-impjieg tiegħu mal-PBS jigi rilaxxat lill-pubbliku u li tali pubblikazzjoni tivvjola d-dritt tiegħu ta' privatezza u tolqot ħażin u b'mod mhux raġonevoli lilu fir-rigward tal-affarijiet personali tiegħu. Huwa ċittadin privat li kien qed jippresta s-servizzi professjonali tiegħu lix-xandir pubbliku u xejn aktar u li l-Kummissarju qatt ma talab il-veduti tiegħu f'dan ir-rigward.

Ra l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu l-partijiet iddikjaraw li ma għandhomx aktar provi u talba li l-appell jibqa' għad-deċiżjoni.

Ikkunsidra ulterjorment

<u>Dwar jekk il-PBS hux awtorità pubblika:</u>

L-artikolu 1 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta jagħmilha ċara li awtorità pubblika tfisser "*kull korp stabbilit taħt il-liġi jew kull soċjetà jew korp ieħor li fih l-Gvern ta' Malta, aġenzija tal-Gvern jew korp tali kif intqal qabel għandu sehem biżżejjed biex jikkontrollah jew li fuqu għandu kontroll effettiv.*" (para c)

Li għalhekk l-appellanti ma għandux raġun meta jgħid li l-PBS limited hija soċjetà kummerċjali u mhux awtorità pubblika meta kif jammetti huwa stess l-Gvern huwa azzjonista maġġoritarju.

Li għalhekk Public Broadcasting Services Limited għandha l-istess responsabiltajiet u dmirijiet bħal awtorità pubblika a fini tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta.

Li għalhekk dan l-agravju qed jiġi miċħud.

Eżenzjoni taħt l-artikolu 31(2) tal-Kap 496

Tali subartikolu jghid hekk: "*Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jagħti lok għal azzjoni minn persuna (minbarra awtorità pubblika) għal ksur ta' konfidenzjalita*".

Dwar Anton Attard l-appellanti esebixxa l-affidavit tiegħu sabiex jipprova li huwa lanqas kieku jrid ma jista' jiżvela dak mitlub għaliex ma għandux l-kunsens ta' Attard. Rigward John Bundy l-appellanti ma għamel xejn minn dan.

Illi għalhekk irid jiġi stabbilit jekk dak mitlub jaqgħax taħt it-tifsira ta' 'dokument eżentat'. It-talba saret għas-segwenti informazzjoni: (a) copy of all engagement contracts entered into between Mr Anton Attard as CEO and PBS; (b) copy of all engagement contracts entered into between Mr John Bundy as CEO and PBS Ltd; (c) what is the current position of Mr Attard vis a vis the Ministry/PBS?; has the contract with Mr Attard been terminated? If so give reason? Is Mr Attard still being paid from PBS/Gov according to his contract. What is the full financial pkg he is receiving and till when it will be going on (data)?.

Illi jekk wieħed jifli l-artikolu 5 tal-Kap 496 wieħed jasal għal konklużjoni li ebda waħda mit-tifsiriet ma tapplika għal każ de quo u għalhekk tali informazzjoni ma jistgħax jingħad li taqa' taħt it-tifsira ta' dokument eżentat. Issa jekk Attard jew Bundy ma tawx il-kunsens tagħhom għal tali zvelar kif tajjeb issottometta l-Kummissarju fir-risposta tiegħu jekk fil-kuntratt tagħhom ma saritx tali klawsola li l-kuntratt huwa suġġett għal dan il-Kap u għal Kap 440 dwar l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data dik hija problema tal-PBS u mhux tal-Kummissarju jew ta' dan it-Tribunal.

Kif ġie rilevat fil-każ ***The Rotheram NHS foundation Trust*** mill-Kummissarju tad-Data Ingliż fid-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 (FS 50147017 ) li awtorità pubblika għandha d-dover li tkun trasparenti u kontabbli dwar kif u għaliex hija tiddeċiedi li tonfoq flejjes pubbliċi u fl-istess waqt għandha d-dover li tirrispetta l-aspettativi raġonevoli tal-impjegati tagħha għal privatezza.

Li għalhekk anke dan l-agravju qed jiġi miċħud.

<u>Dokument eżentat ukoll ai termini tal-artikolu 32(1)(c) tal-Kap 496</u>

Ir-raġuni li jagħti l-appellanti għal tali agravju huwa li skond hu stante li l-iżvelar tagħha jolqot ħażin jew raġonevolment ikun mistenni li jolqot ħażin b'mod mhux raġonevoli lil dik l-persuna fir-rigward tan-negozju jew affarijiet professjonali leġittimi tagħha.

Dan is-subartikolu 31(1)(b) jgħid li dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jiżvela kull informazzjoni *"kull informazzjoni oħra li għandha valur kummerċjali li jinqered jew jitnaqqas jew jista' raġonevolment tkun mistenni li jinqered jew jitnaqqas jekk l-informazzjoni tkun żvelata;"*

Jiġi rilevat li l-każ mhux kontra l-persuna impjegata iżda kontra awtorità pubblika bħal ma hija l-PBS. It-tieni bħala awtorità pubblika l-PBS għal dak li jirrigwarda ħlas ta' salarji għandha tkun trasparenti u suġġetti għal skrutinju adegwat.

Li għalhekk dak li qed titlob it-Times of Malta huwa leġittimu u fl-interess pubbliku.

Illi inoltre l-PBS naqset li tipprova il-preġudizzju li ġġarrab jekk tali informazzjoni tingħata u tat prominenza biss għal dak li jġarrab Anton Attard b'tali zvelar filwaqt li dwar John Bundy ma qalet xejn.

Il-kariga ta' Kap Eżekuttiv hija kariga prominenti ta' '*public servant discharging heavy responsibilities who must expect to be scrutinised. Individuals in such circumstances are rational, efficient , hard working and robust. They are fully entitled to a high degree of respect for their private lives. However the protection of personal information about their families and their health is a very different matter from having in the public domain information about income which in one form would be (to use hypothetical figures) in a band between £140,000 and £ 145000 and in another £141,234.95*" (Appell nru EA/2012/0250 per Judge Chris Hughes fl-ismijiet ***Michael Brian Dicker vs The Information Commissioner*** deciz 23.3.2013 mil-First-tier tribunal General Regulatory Chamber (Information rights) tal-Ingilterra).

Inoltre fl-Ingilterra wkoll meta kien hemm talba sabiex il-BBC tisvela s-salary band tal-Controller of continuing Drama l-Kummissarju ghall-Informazzjoni "*decided the BBC should disclose the salary band of the Controller of Continuing Drama but not his exact salary which was individually negotiated.*" (decision notice March 2008 ref FS50070465).

U f'każ ieħor Decision January 2008 ref FS50067416 *"The Information Commissioner decided the BBC did not need to disclose the fee paid to a presenter. The fee had been agreed in confidential negotiations in accordance with standard practice in the industry and was therefore properly treated differently from the salary of a senior employee."*

Illi f'dan il-każ it-talba hija dwar il-pakkett finanzjarju mogħti lil Kap Eżekuttiv u għalhekk huwa l-aktar senior employee f'kumpanija pubblika bħal ma hija l-Public Broadcasting Services Limited.

Għalhekk anke dan l-agravju għandu jiġi miċħud.

Nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata.

Illi ai termini tal-Kap 440 d-deċiżjoni tal-Kummissarju għandu s-saħħa joħroġ avviż ta' infurzar jew avviż ta' deċiżjoni skond l-artikolu 23 tal-istess Kap kif gara dan l-każ u li skond l-artikolu 23(4)(5) l-avviż ta' deċiżjoni għandu jispeċifika l-passi li għandhom jittieħdu mill-awtorità biex tikkonforma ma' dak ir-rekwiżit u l-perjodu li fih dawn għandhom jittieħdu u li għandu jipprovdi tagħrif dwar id-dritt ta' appell mogħti mill-artikolu 39.

Mill-atti jirrizulta li l-Kummissarju għamel dan fid-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017 li minnha sar dan l-appell. Jiġi rilevat ukoll li l-Kummissarju ma hux marbut mal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Għaldaqstant dan l-agravju wkoll qed jiġi miċħud.

**Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-Public Broadcasting Services Limited u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tal-20 ta' Ġunju 2017 u cioe li tordna lill-istess kumpanija sabiex tipprovdi lill-applikant b'aċċess għal kuntratti ta' impjieg ta' John Bundy u Anton Attard kif ukoll sabiex tirrispondi għal mistoqsijiet imposti minnu, mingħajr ma tiżvela r-raġunijiet li wasslu għat-terminazzjoni jekk dan kien l-każ tal-impjieg ta' Anton Attard.**

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru